MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 190/2011

**David Sciberras u Michael Sciberras
(ID54072-M u ID369265-M rispettivament)**

**vs**

**Ritan Grima (ID537272-M) u b'digriet datat 15 ta' Lulju 2011
gie kjamat in kawza Mario Farrugia (ID241461-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenuta ghandha taghti lill-atturi s-somma ta' elfejn, tmien mija u tnejn u erbghin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€2,842.88c) u dana ghal prodotti mibjugha lilek u kkonsenjati fuq ordni tieghek.

Il-konvenuta giet mitluba thallas diversi drabi wkoll b'ittra legali izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din it-talba. Bl-imghax u bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-konvenuta li eccepiet illi l-unika konnessjoni li kellha l-konvenuta Ritan Grima kienet li darba ordnat xi merkanzija ghan-nom ta' Mario Farrugia ghal hanut tieghu 'Angie Store', Triq Abraham Gatt, Zebbug f'liema indirizz gie kkonsenjat ix-xoghol mill-atturi.

Ra r-risposta tal-kjamat in kawza li eccepixxa illi t-talbiet attrici in kwantu vantati fil-konfront tieghu, ta' l-esponenti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li jekk verament huwa dovut xi haga lill-atturi, dan ghandha twiegeb ghalih il-konvenuta l-ohra li kienet obbligat ruhha li tassumi tali obbligu bhala hlas lura ta' somma akbar mislufa lilha mill-esponenti. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi l-atturi qed jitolbu hlas tas-somma ta' elfejn tmien mija tnejn u erbghin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€2,842.88c), bilanc minn somma akbar, bhala l-valur ta' merkanzija kkonsenjata f'hanut maghruf bl-isem Angie Store, fi Triq Abraham Gatt, Zebbug. Illi tali konsenja ta' prodotti hija dik rizultanti mill-fatturi li jinsabu ezebiti a fol. 21 *et sequitur* tal-atti processwali. Illi l-atturi qed jitolbu l-hlas ta' din il-konsenja minghand il-konvenuta stante illi, skond wiehed mill-istess atturi, l-ordni saret minnha telefonikament. Irrizulta illi ghalkemm din il-merkanzija giet ikkonsenjata fil-hanut imsemmi f'zewg okkazjonijiet, u dan minn persuni inkarigati mill-atturi, l-hlas ghal tali merkanzija ma giex imwettaq f'ebda wahda minn dawn l-okkazjonijiet. Sussegwentement, ghal tali konsenja, kien mar wiehed mill-atturi f'dan il-hanut sabiex jigbor il-flus dovuti lilhom, izda kien sab persuna li kienet qieghdha tmexxi l-hanut – certa Sylvia Cilia, li kienet ukoll prezenti meta saru l-konsenji, u fil-fatt iffirmat ghalihom – li nformatu li l-hlas ma setax isir minnha.

Illi rrizulta illi gew imwettqa xi pagamenti akkont tal-prezz tal-merkanzija, u gew rilaxxjati ricevuti ghal tali pagamenti, kopja ta' liema ricevuti gew ukollipprezentati. L-attur Michael Sciberras iddikjara illi qatt ma nzerta lill-konvenuta fil-hanut in kwistjoni kull meta mar jigbor il-hlas, izda kien jircievi l-pagamenti minghand certu Mario, il-kjamat in kawza. Illi minkejja l-fatt li l-pagamenti kien iwettaqhom il-kjamat in kawza, ir-ricevuti nhargu f'isem il-konvenuta.

Illi wara ftit taz-zmien, l-istess attur iddikjara li mar fil-hanut in kwistjoni sabiex jigbor il-pagamenti, izda sab il-hanut mghaluq. Meta ghamel kuntatt mal-konvenuta, hi qaltlu li kellu javvicina lil Mario Farrugia dwar il-bilanc li kien ghadu dovut. L-istess attur iddikjara illi meta saret l-ordni mill-konvenuta, hi ma ndikatx illi kienet qedha taghmel tali ordni ghan-nom tal-kjamat in kawza.

Illi l-konvenuta da parti taghha ssostni illi ghalkemm huwa minnu li ghamlet l-ordni sabiex il-merkanzija tigi kkonsenjata fil-hanut li kien ser jibda jiggestixxi l-kjamat in kawza, madanakollu, din l-ordni ghamlitha specifikament ghan-nom tal-istess kjamat in kawza. Iddikjarat illi hi ghamlet dan sabiex tghin lill-kjamat in kawza, u kienet avvicinat lill-atturi ghaliex fil-passat kellha relazzjoni ta' xoghol tajba maghhom, u kienet taf li kienu ser jipprovdu servizz tajjeb. Il-konvenuta mbaghad tishaq ripetutament illi kienet ghamlitha cara illi l-ordni ma kienetix qedha taghmilha ghaliha personalment, izda ghan-nom ta' haddiehor, u li tant l-involviment taghha f'din il-kwistjoni kien limitat, illi lanqas qaghdet tindika hi lill-atturi x'oggetti u merkanzija kellha tigi kkonsenjata fil-hanut, izda halliet f'idejhom sabiex jipprovdu l-istock mehtieg sabiex dan il-hanut jibda l-operat tieghu.
Illi da parti tieghu l-kjamat in kawza jikkonferma illi l-gestjoni tal-hanut in kwistjoni kienet f'idejh, u jghid illi meta semma quddiem il-konvenuta illi kien ser jiftah dan il-hanut, hi offriet li tibghatlu lil xi hadd sabiex jissupplixxi l-merkanzija mehtiega sabiex jibda jopera dan il-hanut. Illi kkonferma wkoll illi l-merkanzija fil-fatt giet ikkonsenjata fil-hanut tieghu. Jghid ukoll illi mbaghad kien ikkomunika mieghu wiehed mill-atturi li talbu l-hlas ghall-merkanzija, u

l-istess kjamat in kawza kien wettaq xi hlas akkont tal-ammont dovut. Eventwalment, u dan madwar tliet (3) xhur wara li beda jiggestixxi l-hanut, hu kellu jghalaq. Jghid ukoll illi kien f'kuntatt mal-konvenuta sabiex jara kif ser tigi rizolta l-kwistjoni tal-hlas dovut lill-atturi, ghaliex skond l-istess kjamat in kawza, il-konvenuta kellha taghtih hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000), ghal u li ghalhekk kien hemm intendiment bejniethom illi dan id-debitu dovut lill-atturi thallsu hi, u dan l-ammont ikun qed jinqata' mill-ammont dovut mill-konvenuta lill-kjamat in kawza. Illi in sostenn tat-tezi tieghu, il-kjamat in kawza ipprezenta kopja ta' att pubbliku li in forza tieghu jirrizulta li l-konvenuta xtrat u akkwistat proprjeta' minghand terzi, oltre illi ressaq ukoll bhala xhud tieghu lil Carmel Mifsud, minghand min il-konvenuta xtrat il-proprjeta' in kwistjoni, sabiex jikkonferma illi kienu saru xi trattattivi kemm mal-konvenuta kif ukoll mal-kjamat in kawza dwar l-akkwist ta' din il-proprjeta'.

Ikkunsidra,

Illi kemm mir-risposti tal-konvenuta u tal-kjamat in kawza jirrizulta illi hadd minnhom m'hu qed jikkontesta illi l-ammont mitlub mill-atturi ghall-bejgh u konsenja tal-merkanzija huwa effettivament dovut, izda qeghdin jikkontestaw biss min minn fosthom ghandu jhallas dan l-ammont, fejn kull parti qed issostni li huwa pagabbli unikament mill-parti l-ohra.

Illi mill-provi mressqin mill-partijiet irrizulta bhala mhux ikkontestat illi l-ordni inizjali ghall-merkanzija li giet ikkonsenjata fil-hanut gestit mill-kjamat in kawza, saret mill-konvenuta. Il-fatt li huwa kkontestat huwa jekk il-konvenuta ndikatx, b'mod inekwivoku, illi hi ma kellha ebda konnessjoni mal-gestjoni ta' dan in-negozju u li kienet qedha tagixxi biss bhala mandatarja tieghu. Illi tant l-atturi mhux qed jaqblu mat-tezi tal-konvenuta li hi nformathom illi kienet qedha tagixxi ghan-nom tal-konvenut, illi l-fatturi relattivi ghall-konsenja mertu ta' din il-kawza huma ntestati lill-istess konvenuta, bhal m'huma wkoll ir-ricevuti tal-hlas akkont li rcevew l-atturi, ukoll f'isem il-konvenuta.

Illi d'altronde l-atturi rrikonoxxew ukoll illi lill-konvenuta qatt ma rawha fil-hanut, u anke l-hlas akkont tal-ammont dovut li rcivew, ma kienux minghand il-konvenuta, izda minghand il-kjamat in kawza. Illi l-istess kjamat in kawza, in kontroezami, ikkonferma wkoll illi l-konvenuta ma kellha ebda konnessjoni man-negozju u l-gestjoni tieghu.

Illi da parti tieghu, il-kjamat in kawza mhux qed jikkontesta illi l-merkanzija in kwistjoni giet ikkonsenjata fil-hanut li kien jiggestixxi hu – bl-assistenza ta' Silvia Cilia, li kienet tahdem mieghu fuq bazi ta' *flexible hours* – u li din il-merkanzija bieghha hu, u li ghalhekk ir-rikavat minn tali bejgh hadu hu, izda jsostni illi kien hemm ftehim bejnu u l-konvenuta illi kellha thallas hi lill-atturi ghal din il-merkanzija sabiex jigi saldat *in parte* debitu li hi kellha mieghu. Meta gie mistoqsi jekk tali ftehim jirrizultax minn xi skrittura, anke dwar l-allegat self li sar minnu lill-konvenuta fl-ammont ta' hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000), iddikjara illi ma kien hemm xejn bil-miktub f'dan ir-rigward.

Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal, il-kwistjoni dwar jekk hux minnu, o meno, illi kien hemm self ta' flus bejn il-kjamat in kawza u l-konvenuta, m'hix rilevanti ghall-kaz odjern, partikolarment ladarba ma hemm ebda ftehim bil-miktub bejniethom in rigward. Il-punt li huwa centrali ghal dan il-kaz huwa l-fatt illi l-konvenuta ghamlet ordni ghal konsenja ta' merkanzija minghand l-atturi, illi din il-merkanzija giet ikkonsenjata lill-konvenut, li da parti tieghu ghadda sabiex biegh dawn il-prodotti lil terzi, u ghalkemm wettaq hlas akkont tal-prezz dovut, ma hallasx l-ammont kollu, u l-bilanc jifforma l-mertu ta' din il-kawza.

Illi ghalkemm ir-relazzjoni kummercjali principali hija bejn l-atturi u l-kjamat in kawza, fejn dan tal-ahhar rcieva l-merkanzija minghand l-atturi u beda jbiegh minnha lil terzi u thallas taghha minghajr ma hallas lill-atturi ghaliha, madanakollu, jezisti ukoll ness guridiku bejn l-atturi u l-konvenuta, in kwantu kienet din tal-ahhar illi avvicinat lill-atturi ghall-ordni inizjali, u kien a bazi ta' relazzjoni kummercjali precedenti li kienet tezisti bejn l-atturi u l-

konvenuta, illi l-istess atturi kkonsenjaw lill-kjamat in kawza il-merkanzija mitluba. Illi t-Tribunal jqis tali fatt bhala wiehed rilevanti, in kwantu jidher illi l-atturi kienu disposti illi jaghmlu l-konsenja minghajr ma jitolbu hlas immedjat ghall-merkanzija mibujugha, minhabba r-relazzjoni ta' fiducja illi kien hemm bejn l-atturi u l-konvenuta, liema relazzjoni ta' fiducja kemm il-konvenuta u l-kjamat in kawza abbuzaw minnha. Illi fil-fehma tat-Tribunal li kieku l-konvenuta ma kienitx qed taghmel uzu minn din ir-relazzjoni ta' fiducja li kien hemm bejnha u l-atturi, ma kienitx twettaq l-ordni hi – allegatament ghan-nom tal-kjamat in kawza – izda kienet tillimitha ruhha li tlaqa' lill-partijiet, u thalli lilhom jaghmlu t-transazzjonijiet kummercjali mehtiega, u b'hekk ir-rwol taghha fil-kwistjoni kien ikun aktar definit u car. Illi fir-realta', ic-cirkostanzi tal-kaz jwasslu lit-Tribunal ghall-konvinzjoni illi meta l-konvenuta ghamlet l-ordni, hi kienet qedha tagixxi bhala mandatarja tal-kjamat in kawza, oltre li tat ukoll x'tifhem illi kienet qedha tagixxi bhala garanti ghall-hlas tal-prezz tal-merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Illi finalment l-atturi ghandhom id-dritt li jircievu l-hlas dovut lilhom, u dan irrispettivament mill-hbiberija u d-differenzi li seta' kien hemm bejn il-konvenuta u l-kjamat in kawza. Illi fil-fehma tat-Tribunal kien hemm intromissjoni sufficjenti mill-konvenuta fit-transazzjoni kummercjali li sehhet bejn l-atturi u l-kjamat in kawza, li jrendiha ugwalment responsabbli, flimkien mal-kjamat in kawza, ghall-hlas tas-somma dovuta lill-atturi., u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 115 (2) tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan qed jinghad, madanakollu, minghajr pregudizzju jew hsara ghal kwalunkwe dritt li l-konvenuta u / jew il-kjamat in kawza ghandhom sabiex jitolbu u jottjenu rizarciment minghand il-parti l-ohra ta' kwalunkwe ammont li jista' jkun dovut minn parti lil ohra.

Illi ghalhekk it-Tribunal iqis lill-konvenuta u lill-kjamat in kawza responsabbli, in solidum bejniethom, versu l-atturi ghall-hlas tas-somma mertu ta' din il-kawza.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta u l-kjamata in kawza, jilqa' t-talba tal-atturi, u jordna lill-konvenuta u lill-kjamat in kawza, solidalment bejniethom, sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' elfejn tmien mija tnejn u erbghin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€2,842.88c) bl-imghax mid-data tal-prezenti.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta u l-kjamat in kawza f'sehem indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------